

# Ir-Raġel tal-Glielez

Kitba ta' **Tarċisju Zarb**

*Tarċisju Zarb, f'din il-kitba jlaqqagħna ma' karattru Koppi, li miet ftit tas-snin ilu, u li għal aktar minn sebgħin sena tektek l-art tal-qalba u t-truf tar-raħal ta' Ħal Kirkop. Din il-kitba tagħtina ħjiel ta' x'kien ikun għaddej minn moħħ Salvu minn jum għal jum, hekk kif sena kienet titkejjel bejn festa u oħra ta' San Anard. Biex tifhem din il-kitba trid tqiegħed ruħek f'tarf ir-raħal, faċċata tal-barrieri, hekk kif tidħol taħt il-beritta ta' dan il-karattru u tissemma' t-thewdin ta' moħħu. Minn dan it-thewdin inti tkun tista' tifhem il-programm ta' dan il-protagonista veru.*

Ir-raġel li jmur għall-glielez minn fuq ir-rampa tal-barriera l-kbira wkoll jgħaddi bl-ixkora fuq dahru. Il-gallozz għandu ħabta kif jinħeba fil-ħaxix u jaħseb li ħadd ma jarah. Għalhekk malajr taqbdu. Ara kien hawn dan taz-Zizzi, dan l-aħħar qabad tnejn. Qal li ma mitulux. Minkejja dan kollu, għalkemm mar kemm-il darba, ir-raġel taċ-ċurniena qatt ma qabad gallozz. Ġieli jkun hemm il-borok hawnhekk fil-ġiebja. Salvu min jaf kemm-il darba kien imur jgħum fis-sajf. Għax il-ġiebja għandha ħofra kbira, ngħidulha degħbien li minnha tgħidx kemm jinżel ilma. Imma minn mindu tniġġset bl-ixpakxinijiet xejn m'għadu jiġbdek lejha.

## Il-Ħamiem u l-Glielez

Ir-raġel li jmur għall-glielez, biex imbagħad jitfagħhom itiru mal-ħamiem fir-razzett, li għandu ħdejn it-tina l-kbira, jaf l-imgħoddi tiegħu lill-barrieri. Hawnhekk fit-tarf tar-raħal kull naqra art tajba malajr jeħduha għax il-blata tajba. Kull fejn tara għalhekk kullimkien barrieri. Il-qigħan tagħhom wara li jieħdu l-ewwel saff tal-ġebla jerġgħu jinksew bil-ħamrija u erħilhom jixxalaw is-siġar! Dawn il-barrieri joffru kenn qawwi mill-irjieħ u għalhekk it-tina tixxala. Ikun hemm kull tina l-wisgħa ta' din it-triq! U kull lanġasa u kull ħawħa u kull berquqa daqs il-ħatfa ta' id imwessgħa biex taħtaf kemm tiflaħ.

## L-Ilma Ġieri

Dari meta Salvu kien jaħdem fil-barrieri kien iħaffer toqba hekk, u kien jixrob l-ilma flimkien ma' sħabu. Kien ikun ilma ġieri, dejjem ġej, bla xebgħa. Dejjem ġej! Imma dan l-aħħar bdew iħaffru fil-fond biex jiġbdu l-ilma dawn tal-gvern. Ara jekk tħares sewwa hemmhekk ħdejn il-ħarruba hemm waħda. Hemmhekk hemm oħra. U hemmhekk ħdejn dak ir-razzett li fih sebat ikmamar, hemm oħra.

Hawnhekk ir-raħal hawn ħafna minnhom. U tgħidx kemm jieħdu ilma minnhom għax ikollhom kull pajp wiesa' aktar minn rasi. Il-ħamiem min jaf kemm-il darba kien jinżel jixrob mill-barrieri minn dan l-ilma li dejjem ġej u darba kelli waħda nqalbet ġo fih. Dan iż-żmien jisparawlu hawnhekk il-ħamiem. Dari kien ikun hawn kull qatgħa l-ġmiel tagħha!

Salvu kellu ħafna ħamiem. Imma darba waħda kienu taru u baqgħu sejrin sa fuq l-għoljiet. Għax hawnhekk ir-raħal pjanura. Il-kaċċaturi sparaw fuqhom u qatlu tnejn. Waħda minnhom ġiet hemm u mietet fuq il-bejt. It-tifel ta' Salvu ried joħroġ bis-senter għalihom imma Salvu waqqfu u qallu: "Agħlaqlu u toħorġux aktar." Għax it-tifel ta' Salvu nervuż u biex jispara jispara daqs tazz'ilma. Ma jaħsibhiex darbtejn.

## Il-Ħafur, it-Tfief Selvaġġ u s-Sikrana

Salvu jemmen li l-ħafur, it-tfief selvaġġ u s-sikrana flimkien mal-lellux kollha tajbin għall-fniek. It-tfief selvaġġ kollu ħalib. U s-sikrana kollha żerriegħa u għalhekk kollha ġwież. Salvu minn dejjem jara xi jlaqqat basta għall-fniek.

M'ilux Salvu ħareġ in-nagħġa u l-mogħża li għandu ħdejn il-pal tal-bajtar. In-nagħġa ħarġet b'salt wieħed bħal qisha rat xi ħaġa. Imn'Alla kien pront telaq minn nofs għax kienet twaqqgħu dritt għall-barriera u kien jispiċċa fit-tina l-kbira daqs il-wisgħa tat-triq. Għax in-nagħaġ u l-mogħoż hekk jagħmlu.

Salvu dejjem hekk kliemu. Meta l-bieraħ iltaqa' ma' Ġamri tar-Rota tgħidx kemm gerger fuq il-patata. Għax qal li l-art ma għenithiex din is-sena. U l-ewwel attakkatha l-ġlata. Imbagħad attakkatha x-xita li niżlet barra minn żmienha. U r-riħ li nefaħ żgur m'għenhiex lill-patata ta' Salvu.

Salvu kien wasallu ħin it-tè. Għalhekk filwaqt li staqsieni jekk għandix bżonn xi ħaġa sellem u telaq. Għada, il-Ħadd, Salvu beħsiebu jmur għall-gallozz. Glielez, glielez, glielez kullimkien u minn kull gallozz minnhom jistaħba wiċċ għajjien. Salvu għandu ħsieb li dik in-nitfa raba' li kienet baqgħetlu wara li ħadulu l-art jagħmilha bħajra. Dan dejjem jekk ma jinqala' xejn.

Ix-xemx nieżla ħalliet raġġietha fuq dahar Salvu taċ-ċurniena bajda u l-glielez ta' moħħu dehru jintilfu fid-dinja ta' fuq l-ilma mniġġeż tal-barriera. Salvu kien għad fadallu lejl sħiħ joħlom. Dak it-tifel nervuż wisq ħej.

## Il-Basla Tidħol f'Kollox

Meta wasal id-dar Salvu kellu jistennieħ platt minestra sħun u mhux tè. Il-minestra dejjem jieħu basla magħha. Il-basla jew mill-ħamra jew mill-bajda kien idaħħalha dejjem fl-ikel tiegħu. Għax kien tal-fehma li l-basal inaddaf l-imsaren. U bih fl-istonku tgħid kemm tipporga. Għalhekk fl-għalqa tiegħu ta' kull sena dejjem kien ikollu dik il-qatgħa basal għax il-basla kien idaħħalha f'kollox.